Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa Numru 26

**28 t' April 2026**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 28 t' April 2026 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 26 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **26.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma Kienx hemm |
| **26.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 26.02.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 25, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sa Joline Attard. |
| **26.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 26.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li waqt il-laqgħa tallum ġie mistieden is-Sur Charles Cassar li huwa il-bar attendent tal-Każin tal-Boċċi sabiex jagħti spjegazzjoni għalfejn inqala il-pavimentar ta' quddiem il-klabb mingħajr permess. Is-Sur Charles Cassar qal li kien hemm ħafna ilmenti li kienu qed jaqgħu xi nies f'din ir-rampa u qal li l-ilmenti tiegħu kienu qed jaqgħu fuq widnejn torox b'hekk ħadu l-azzjoni li jaqgħalu il-pavimentar. Is- Sur Charles Cassar qal li għandu ritratti ta' mara li weġġħet serjament. Is-Sur Charles Cassar qal ukoll li kief kienet ir-rampa xorta waħda ma jgħaddiex wheel chair.<br><br>Is-Sindku qal li l-kunsill qatt ma daħħal l-ebda rapport li din ir-rampa kienet ta' periklu u dan ix-xogħol qed irrid jinħaraeġ il-Compliance Certificate mill-perit tal-GHRC. Is-sindku saħaq li jekk xi ħadd iweġġgħa u jrid jirraporta l-entitajiet jew individwi l-ewwel ma għandu jagħmel li jagħmel rapport l-għassa u dan ma sarx u lanqas il-kunsill ma kien infurmat.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu mas-sindku li l-ewwel ħaġa li ried jagħmel is-Sur Cassar hu li :<br><br>1. jinforma lil kunsill jekk qed jassumi li x-xogħol sar ħażin sabiex jinforma lil Perit;<br>2. Jekk iweġġgħa xi ħadd għandu jsir rapport l-għassa<br>3. L-internvent sabiex jitranġa x-xogħol huwa kompitu ta' min għamel ix-xogħol ( f'dan il-Każ huwa tal-GHRC ) u mhux kompitu tas-Sur Cassar. |
| 26.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera li kien hemm każ ta' inċident ieħor li xi ħadd waqa fuq katina li kienet quddiem garaxx bejn bollard u oħra. Is-Sinkdu insista li l-kunsill qatt ma ta permess li jsiru dawn il-ktajjen bejn bollard u oħra.. |
| 26.03.03 | Is-sindku ressaq ilment li hemm resident fi 3 Triq is-Sur li ma jistax jidħol fid-dar tiegħu għaliex ikun hemm ipparkjati l-karrozzi eżatt mal-bieb u dan ir-resident juża is-siġġu tar-roti. Is-sinkdu flimkien mal-kunsilliera qablu li din it-tlaba ser tintbgħat għand Transport Malta sabiex jagħtu parir ta' x'jjista jsir. |
| 26.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li ser issir l-aħħar logħoba tal-futbol għall dan l-istaġun u jixtiequ li l-kunsill jikkolabora ma l-għaqda |

| | |
|---|---|
| | sabiex jorganiżżaw trasport għas-sapporters. Il-Kunsilliera qablu unanimament . |
| 26.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li bejn l-14 - 15 ta' Mejju ser issir konferenza Malta ta' L-ALDA li l-muniċipalita tal-Macedonia ta' Karposh huma mistiedna għalhekk sabiex il-kunsill tal-Isla jkompli jsaħħaħ is-sħubija mal-muniċipalita ta' Karposh ser jistiden il-kontiġenza minn Karposh sabiex iżuru l-kunsill tal-Isla u l-postijiet ta'interess fl-Isla u imbgħad issir ikla qabel ma jitilqgħu lura lejn il-Macedonia fil-15 ta' Mejju 2026. Il-kondinġenza mill-Macedonia laqgħat l-istedina tal-kunsill tal-Isla. |
| 26.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera peress li din is-Sena ir-Reġjun Port għandu ir-responsabilita' tal-Kultura, ser issiru tpinġijiet ġewwa l-Isla fi Pjazza Andrea Debono bit-tema tal-istorja tal-Isla jew Sports, dan għad irrid jiġi diskuss. Dawn ser ikunu impoġġiha u mhux dirett mal-ħajt. |
| 26.03.07 | Is-sindku informa li kunsilliera li irċieva ittra fejn il-klabb tal-ħamiem jixtieq li l-kunsill tal-Isla jikkolabora f' xiri ta' Trophies għal ġerreja tal-ħamiem li uħud minnhom huma mill-Isla. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-kollaborazzjoni. |
| 26.03.08 | Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva ittra mill -PA dwar restorant fi Triq Dingli Cornelio li dan għandu tinda li mhux bil-permess kif ukoll xi qsari. Dan il-ħanut ser jiġi immultat dwar dawn l-illegazjonijiet. Numru ta' Referenza tal-Planning Authority EC/00050/26 |
| 26.03.09 | Is-Sindku informa li l-kunsill li din is-sena minflok il-festival Hġejjeġ ser issir festival ta' kant fit-toroq ta' madwar l-Isla li dawn il-fondi ser ikunu mogħtija mir-Reġjun Port. Din l-attivita ser issir fis-27 ta' Ġunju 2026. Is-sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mal-fondazzjoni Kottonera u talab li din l-attivita issir kull sena miill-fondi tal-Fondazzjoni tal-kottonera. |
| 26.03.10 | Is-Sindku informa li l-arċipriet Rev. Kan Dun Robin Camilleri bagħat ittra ta' ringrazzjament tal-kollaborazzjoni tal-kunsill kollu waqt il-Gimgħa Mqaddsa. |
| 26.03.11 | Is-Sindku xtaq jesprimi ruħu u jisħaq li l-Arċipriet kien ta' għajnuna kbira għall kunsill għar-riċerka dwar l-isem tal-Bellt tal-Isla u mhux hu kien li propona li jinbidel l-isem bħal ma ħafna qalu u iġġudikaw mingħajr ma jafu l-affarijiet. Kien il-kunsill li kien qabel li issir riċerka dwar l-isem propju tal-Belt tal-Isla u qatt ma intqal li l-isem l-ISLA ser jitneħħa jew jiġi imwarrab la mil-kliem kief wieħed jesprimi ruħu u lanqas mill-kitba iżda jkun l-isem uffiċjali u mhux kif ġie imfiehem minn fuq il-Media Soċjali. Il-Paroċċa kienet ta sors kbir u ta' miinjiera ta' informazzjoni mill-arkivji tagħħha għall-Kunsill Lokali. il-Kunsilliera ikkonfermaw li din kienet għada fi stadju ta' riċerka u l-kunsill ried li jisma' ir-rieda tal-poplu l-ewwel qabel ma jieħu azzjoni għalhekk dan is-suġett ser jieqaf għall -issa u jkun hemm aktar tagħrif u diskussjonijiet dwar dan iktar il-quddiem sabiex il-kunsill jibqa' jaħdem, jeduka u jħalli l-legat tal-istorja tal-Belt Senglea għall ulied din il-belt u ulied uliedhom. |
| 26.03.12 | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall għotja ta' fondi mill-MCVS fejn il-kunsill ingħata fond ta' 19,201 ewro sabiex issiru CCTV cameras ġodda fil-grawnd u l-Ġnien tal-Gardjola. |

| | |
|---|---|
| 26.03.13 | Is-Sindku fakkar lil kunsilliera li ser issir l-applikazzjoni għall-Clean UP Day l-ewwel Sibt ta' qabel il-festa tal-Vitorja jiġifieri jiġi il-5 ta' Settembru. Kunsilliera qablu unanimement li l-Clean Up issir minn fejn tgħaddi l-vara ta' Marija Bambina. Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet mozzjoni sabiex ikollha l-firem għall-applikazzjoni SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026). |
| 26.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li daħħlu ħafna ilmenti dwar l-irwejjah li kienu qed jinxtammu fl-arja bejn il-ħamsa a' filgħodu u is-seba' ta' filgħodu għalhekk il-kunsil bagħat l-ilment lil ERA sabiex jinvestigaw din ir-riħa x'kienet u tniġġiż ta' l-arja. |
| 26.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kief kien maqbul fil-laqgħa preċedenti l-applikazzjoni SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026) intbgħatet. Din l-attivita ser issr fix-xelters u l-kunsill ser jieħu ħsieb li permezz ta' dawn il-fondi jitnaddaf parti minn dawn ix-xelters. |
| 26.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li intlaqħħaq qbil bejn Transport Malta u l-kunsill li l-ħinijiet tal-Parkeġġ f' Boiler Wharf ġew estiżi mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-6.00pm sat-8.ooam u mil-Ġimgħa 6.00pm sat-Tnejn fit-8:00am il-karrozzi jistgħu jibqgħu hemm matul il-lejl. |
| 26.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ċ-ċelebrazzjonijiet tar-Regatta ser issiru fis-16 ta' Mejju 2026 u għalhekk iż-żona tal-Ponta ser tkun magħluqa bil-permessi tal-Puluzija. . |
| 26.03.18 | Is-Sindku informa li l-kunsill applika għall meter tad-dawl mal-ARMS sabiex jitħadmu l-cameras li hemm fil-Pjazza George Mittrovich. Dawn il-fondi biex issiru dawn il-cameras ingħatgħu lill- kunsill tal-Isla mil-LESA.. |
| 26.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għada fid-29 t' April 2026 fis-2:00pm ser issir laqgħa virtwali flimkien mas-segretarju eżekuttiv u mal-perit Antoine Zammit ta' Studju Urban sabiex inkomplu fuq il-proġett li l-kunsill ħa l-fondi mill-GRECO. L-istudju dwar l-imanniġjar tat-traffiku, arja aktar nadifa ser issir minn Studju Urban fejn dawn kienu diġa għamlu studju fil-proġett Slow Streets li l-Kunsill tal-Isla kien parti minnu u ser ikomplu fuq dan l-istudja. L-istudju u implimentazzjoni ser jitħallas mill-proġett GRECO. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-proġett u aktar il-quddiem is-segretarju eżekuttiv tibgħat aktar informazzjoni dwar dan permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha. |
| 26.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol fi Triq l-Arkati beda u mixi. |
| 26.03.21 | Is-Sindku iltaqa' ma kuratur ta' binjiet storiċi sabiex jieħu idea kif l-imħazzen ta' Pjazza George Mittorvich jiġu żvilupati. L-idea ta' dan il-kuratur hi li l-maħżen il-kbir jiġi bħala mużew fejn jistgħu jiġu esebit arti u jinkera lil dawn l-artisiti li jkunu interessati. |
| 26.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li iltaqa' ma l-iskultur sabiex issir l-istatwa ta' La Sengle li parti minn dawn il-fondi ser ikunu mill-UIF. Dan l-iskultur ser jiskolpixi mudell żgħir sabiex il-kunsill ikun jista' jara din l-istatwa kif ser tiġi. Is-Sindku reġgħa ikkonferma mal-kunsilliera jekk jaqblux u li din l-istatwa issir quddiem il-Mina tad-daħla tal-Isla fuq il-bankina l-wiesgħa. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |

| | |
|---|---|
| 26.03.23 | Is-sindku informa lil Kunsilliera preżentili flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għall-konferenza dwar *Digitalisation of Local Council Service* ġewwa l-Pjazza tal-Birgu fis-26 ta' Marzu 2026. |
| **26.04** | **JUM L-ISLA** |
| 26.04.01 | Is-sindku iddiskuta il-programm ta' Jum L-Isla kif ġej:<br><br>Fit-8 ta' Mejju 2026 ser issir quddiesa fis-6.00pm fil-Bażilika ta' Marija Bambina fejnn ser ikunu mistiedna l-għaqdiet tal-Isla u s-sindki u segretarji tal-kunsilli tal-Kottonera.<br><br>Ser toħroġ il-banda fis-6.00pm mill-każin tal-banda u li ser tgħaddi minn Triq iż-żewġ Mini u iddur għall Triq il-Vitorja. Il-banda tistenna quddiem il-Bażilka u flimkien mal-għaqdiet jipproċedu gaħll fuq il-Forti San Mikiel sabiex jitqiegħdu il-fjuri.<br><br>Jiġu preżentati rikonoximenti u jingħata Ġieġ L-Isla li din is-sena intgħażel mill-kunsill peress li ħadd ma tefa' in-nomina u għalhekk il-bord ma kellux jiltaqa' biex jagħmel l-għażla tal-persuna jew entita li jistħoqilha li tieħu Ġieħ L-Isla għas-sena 2026.<br><br>L-isem għall -Ġieħ L-Isla ta' din is-sena ser jiġi ippublikata fis-seduta li jmiss għaliex ma jistax jinkiteb f' din il-minuta qabel iċ-ċerimonja ta' jum L-Isla.<br><br>Fid-9 ta' Mejju 2026 ser issir attivita fuq il-Forti San Mikiel minn Show of Arms bejn l-10:00am u is-2:00pm. |
| **26.5** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 26.05.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk fil-festival tan-Nar jistagħax il-kunsill iqabbad il-Puluzija sabiex ikun hawn aktar immaniġajr tat-traffiku għaliex is-sibt li għadda fil-lokalita' tal-Isla kien hemm konfużjoni .<br><br>Is-Sindku infurmah li din ma kienetx attivita tal-kunsill u għalhekk il-fondi għas-servizz tal-puluzija irridu jinħarġu mill-kunsill. Għas-sena d-dieħla l-kunsill jipprova jagħmel arrangġament mal-MTA sabiex ikun hemm serviz ta' Puluzija minn naħa tagħhom għal ġranet tal-Festival tan-Nar. |

| | |
|---|---|
| 26.05.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Joeline Attard  nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk l-attivita tat-2 ta' Mejju hux ser tibqa kif ġie spjegat fil-laqgħa li għaddiet.<br><br>Is-sindku irrisponda li IVA ser jibqa' kollox kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. L-Attivita tibda mid-9:00am sas-2:00 skond kemm ikun hemm tfal li jipparteċipaw fil-grawnd tal-futbol Benny Casha. |
| 26.05.03 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia  nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv<br>jekk il-bankijiet tal-Belveder fi Triq is-Sirena jistgħux jinbidlu.<br><br>Is-Sindku wieġeb iva kif ikollna skema li jinkludu bankijiet il-kunsill ikun jista jibdel dawn il-bankijiet. |
| **26.6** | **Rapporti** |
| 26.6.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Marzu 2026 u l-petty cash ta' Marzu 2026   fejn ġew approvati mill-Kunsillier is-Sur Mario Gauci  u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| 26.6.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet rapport tal-awdituri fejn ġie revedut minħabba xi korrezzjonijiet zgħar. Il-Kunsillier is-Sur Mario Gauci approva u l-kunsilliera s-sa Joeline Attard issedkondat. |
| **26.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 26.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 4/2026 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci   u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| **26.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 26.08.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2026  fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum  19 ta' Mejju 2026

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv